**Emenda 7**
**Liadh Ní Riada, Pablo Echenique, Marisa Matias, Pablo Iglesias, Curzio Maltese, Dimitrios Papadimoulis, Kostadinka Kuneva, Stelios Kouloglou, Sofia Sakorafa, Kostas Chrysogonos, Fabio De Masi, Paloma López Bermejo, Neoklis Sylikiotis, Tania González Peñas, Lola Sánchez Caldentey, Takis Hadjigeorgiou, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0027/2015**
**José Manuel Fernandes**
Linji gwida għall-baġit 2016 – Taqsima III
2015/2008(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Aa. billi f'perjodu ta' kriżi ekonomika qawwija u ta' aktar diverġenza fl-UE jeħtieġ li jiżdied il-baġit tal-Komunità sabiex jiżgura livell adegwat ta' riżorsi fil-baġit tas-sena li ġejja, b'enfasi partikolari fuq il-programmi u l-proġetti mmirati biex jagħtu spinta lit-tkabbir u l-impjiegi diċenti, il-qerda tal-faqar, u li jinvestu fi żvilupp intelliġenti, sostenibbli u ekoloġiku; jenfasizza li l-kontribuzzjonijiet għal din iż-żieda għandhom jirriżultaw minn żieda fil-pagamenti mill-Istati Membri bl-ogħla ING u l-ogħla dħul per capita, li jikkoreġu s-sistema attwali parzjali u inġusta tal-koeffiċjenti tal-kontribuzzjoni; itenni li huwa perentorju li jiżdied l-appoġġ lill-Istati Membri, speċjalment dawk li diġà qed jaffaċċjaw riċessjoni ekonomika, għall-investiment fl-infrastruttura, il-faċilitajiet soċjali, ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-iżvilupp;*** |

Or. en

**Emenda 8**
**Liadh Ní Riada, Pablo Echenique, Marisa Matias, Martina Michels, Pablo Iglesias, Younous Omarjee, Curzio Maltese, Dimitrios Papadimoulis, Kostadinka Kuneva, Stelios Kouloglou, Sofia Sakorafa, Kostas Chrysogonos, Fabio De Masi, Paloma López Bermejo, Lidia Senra Rodríguez, Tania González Peñas, Lola Sánchez Caldentey, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0027/2015**
**José Manuel Fernandes**
Linji gwida għall-baġit 2016 – Taqsima III
2015/2008(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Iqis li jinħtieġ pjan ta' investiment pubbliku sostanzjali, u jinsisti li hemm bżonn li jinqasmu l-politiki attwali tal-UE jekk il-problemi tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli, il-qgħad, il-faqar, l-esklużjoni soċjali, u l-inugwaljanzi (fir-rigward tad-dħul) għandhom jiġu indirizzati b'mod adegwat; jenfasizza li tinħtieġ strateġija ġdida sabiex twaqqaf triq ġdida għall-Ewropa, triq ta' impjieg sħiħ, xogħlijiet diċenti, pagi li jippermettu livell ta' għajxien diċenti, koeżjoni soċjali u ekonomika u ħarsien soċjali għal kulħadd, li tiggarantixxi l-ogħla standards ta' għajxien, triq li tqis il-ħtiġijiet għall-iżvilupp ta' kull Stat Membru, partikolarment l-inqas żviluppati u li tippromwovi konverġenza reali billi tgħin tnaqqas id-distakk fl-iżvilupp bejn l-Istati Membri u d-disparitajiet eżistenti ekonomiċi, soċjali u reġjonali;*** |

Or. en

**Emenda 9**
**João Ferreira, Miguel Viegas, Inês Cristina Zuber, Martina Michels, Marisa Matias, Curzio Maltese, Dimitrios Papadimoulis, Kostadinka Kuneva, Stelios Kouloglou, Sofia Sakorafa, Kostas Chrysogonos, Paloma López Bermejo, Lidia Senra Rodríguez, Pablo Echenique, Tania González Peñas, Lola Sánchez Caldentey, Pablo Iglesias, Neoklis Sylikiotis, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0027/2015**
**José Manuel Fernandes**
Linji gwida għall-baġit 2016 – Taqsima III
2015/2008(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Jikkundanna bil-qawwa t-tnaqqis baġitarju għax-xjenza u l-innovazzjoni, speċjalment it-EUR 2.7 biljun mill-programm Orizzont 2020;*** |

Or. en

**Emenda 10**
**Liadh Ní Riada, Pablo Echenique, Younous Omarjee, Rina Ronja Kari, Marisa Matias, Pablo Iglesias, Martina Michels, Curzio Maltese, Dimitrios Papadimoulis, Kostadinka Kuneva, Stelios Kouloglou, Sofia Sakorafa, Kostas Chrysogonos, Malin Björk, Fabio De Masi, Paloma López Bermejo, Tania González Peñas, Lola Sánchez Caldentey, Dennis de Jong, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0027/2015**
**José Manuel Fernandes**
Linji gwida għall-baġit 2016 – Taqsima III
2015/2008(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1c. Jenfasizza li l-qgħad huwa l-kwistjoni ewlenija ta' urġenza għall-Unjoni Ewropea; iqis li t-tnedija mill-ġdid tal-ekonomiji tal-Istati Membri u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda jeħtieġu li l-politiki ta' awsterità tal-UE jitreġġgħu lura sabiex jippermettu lill-Istati Membri jsegwu l-għażliet politiċi li huma adattati l-aktar għas-sitwazzjoni speċifika tagħhom; jemmen, għaldaqstant, li l-ħolqien ta' xogħlijiet diċenti u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli għandhom ikunu l-fokus ewlieni tal-baġit tal-UE;*** |

Or. en

6.3.2015 A8-0027/11

**Emenda 11**
**Rina Ronja Kari, Dennis de Jong, Lidia Senra Rodríguez, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0027/2015**
**José Manuel Fernandes**
Linji gwida għall-baġit 2016 – Taqsima III
2015/2008(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jemmen li l-konsegwenza ovvja ta' baġit iżgħar tal-UE għandha tkun inqas UE, aktar milli aktar Unjoni għal inqas flus;*** |

Or. en

**Emenda 12**
**Liadh Ní Riada, Pablo Echenique, Younous Omarjee, Martina Michels, Marisa Matias, Pablo Iglesias, Curzio Maltese, Dimitrios Papadimoulis, Kostadinka Kuneva, Stelios Kouloglou, Sofia Sakorafa, Kostas Chrysogonos, Fabio De Masi, Paloma López Bermejo, Tania González Peñas, Lola Sánchez Caldentey, Luke Ming Flanagan,**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0027/2015**
**José Manuel Fernandes**
Linji gwida għall-baġit 2016 – Taqsima III
2015/2008(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jenfasizza li l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej jiffurmaw l-ikbar sehem tan-nefqa ***fl-investiment*** fil-baġit tal-UE u huma strumentali fil-ħolqien tal-impjiegi, l-istimular tat-tkabbir, u t-tisħiħ ***tal-kompetittività*** u l-innovazzjoni; jissottolinja l-fatt li l-politika ta' koeżjoni tal-UE kienet strumentali fis-sostenn tal-investiment pubbliku f'oqsma ekonomiċi indispensabbli u kisbet riżultati tanġibbli abbażi tal-fatt li tista' tagħti s-setgħa lill-Istati Membri u lir-reġjuni biex jegħlbu l-kriżi attwali u ***jiksbu l-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020***; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħmlu kull sforz possibbli, matul ix-xhur li ġejjin, ***biex jiżguraw adozzjoni*** rapida tal-Programmi Operattivi li baqa', sabiex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tilħaq ritmu tajjeb fl-2016; | 3. Jenfasizza li l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej jiffurmaw l-ikbar sehem tan-nefqa fil-baġit tal-UE u huma strumentali fil-ħolqien tal-impjiegi, l-istimular tat-tkabbir, u t-tisħiħ ***tal-koeżjoni, l-integrazzjoni*** u l-innovazzjoni; jissottolinja l-fatt li l-politika ta' koeżjoni tal-UE kienet strumentali fis-sostenn tal-investiment pubbliku f'oqsma ekonomiċi indispensabbli u kisbet riżultati tanġibbli abbażi tal-fatt li tista' tagħti s-setgħa lill-Istati Membri u lir-reġjuni biex jegħlbu l-kriżi attwali***, iżidu l-approprjazzjonijiet għall-Fond ta' Koeżjoni*** u ***l-Fondi Strutturali, partikolarment l-FSE u programmi bħall-Programm Progress, waqt li tingħata attenzjoni partikolari għall-impjiegi bi drittijiet, id-drittijiet ugwali u l-opportunitajiet u l-ġlieda għall-qerda tal-faqar***; ***jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri jingħataw l-istrumenti biex jgħinu liċ-ċittadini tagħhom isibu mod kif joħorġu mill-kriżi; jenfasizza f'dan ir-rigward il-ħtieġa speċjali li jsir investiment f'oqsma bħall-edukazzjoni u l-mobilità, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, b'mod li tingħata spinta lill-ħolqien tal-*** |

***impjiegi - b'mod partikolari l-impjiegi għaż-żgħażagħ;*** jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, jagħmlu kull sforz possibbli, matul ix-xhur li ġejjin, ***għall-adozzjoni*** rapida tal-Programmi Operattivi li baqa', sabiex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tilħaq ritmu tajjeb fl-2016;

Or. en

**Emenda 13**
**Liadh Ní Riada, Pablo Echenique, Younous Omarjee, Rina Ronja Kari, Marisa Matias, Pablo Iglesias, Martina Michels, Curzio Maltese, Dimitrios Papadimoulis, Kostadinka Kuneva, Stelios Kouloglou, Sofia Sakorafa, Kostas Chrysogonos, Malin Björk, Fabio De Masi, João Ferreira, Miguel Viegas, Inês Cristina Zuber, Paloma López Bermejo, Lidia Senra Rodríguez, Tania González Peñas, Lola Sánchez Caldentey, Neoklis Sylikiotis, Takis Hadjigeorgiou, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0027/2015**
**José Manuel Fernandes**
Linji gwida għall-baġit 2016 – Taqsima III
2015/2008(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Ifakkar li s-servizzi u l-benefiċċji tal-welfare qegħdin taħt pressjoni fl-Istati Membri kollha; jenfasizza li d-deċiżjonijiet politiċi fil-livell tal-UE m'għandux ikollhom effetti ħżiena fuq id-disponibbiltà jew il-kwalità tas-servizzi u tal-benefiċċji tal-welfare fl-Istati Membri, u lanqas fuq il-kapaċità tal-Istati Membri biex jiffinanzjawhom; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tressaq abbozz tal-baġit li jsaħħaħ il-kapaċità tal-Istati Membri biex jissalvagwardaw is-sistemi tal-welfare tagħhom;*** |

Or. en

6.3.2015 A8-0027/14

**Emenda 14**
**Dennis de Jong, Liadh Ní Riada, Paloma López Bermejo**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0027/2015**
**José Manuel Fernandes**
Linji gwida għall-baġit 2016 – Taqsima III
2015/2008(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Ifakkar li l-fondi reġjonali, strutturali u ta' koeżjoni jeżistu biex inaqqsu d-distakk bejn il-livelli differenti ta' żvilupp ekonomiku fir-reġjuni fl-UE; jinnota bi tħassib li sehem kbir minn dawn il-fondi huwa mħallas lil Stati Membri aktar sinjuri; jemmen li dan mhuwiex użu effikaċi tal-fondi u li dawn il-fondi għandhom ikunu riżervati għal Stati Membri li verament għandhom bżonnhom;*** |

Or. en

**Emenda 15**
**Liadh Ní Riada, Pablo Echenique, Younous Omarjee, Pablo Iglesias, Marisa Matias, Curzio Maltese, Dimitrios Papadimoulis, Kostadinka Kuneva, Stelios Kouloglou, Sofia Sakorafa, Kostas Chrysogonos, Fabio De Masi, Paloma López Bermejo, Dennis de Jong, Tania González Peñas, Lola Sánchez Caldentey, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0027/2015**
**José Manuel Fernandes**
Linji gwida għall-baġit 2016 – Taqsima III
2015/2008(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jenfasizza ***l-importanza tal-mobilità*** transkonfinali ***bħala mezz*** biex l-Ewropa tkun tista' tieħu vantaġġ mill-varjetà ta' ħiliet tal-persuni filwaqt li tespandi l-opportunitajiet ta' taħriġ u ta' impjieg għall-ġenerazzjonijiet kollha; iqis li programmi ***ta' mobililtà emblematiċi u*** ta' suċċess bħal Erasmus+ jaħdmu sabiex ikunu ta' benefiċċju kemm għall-individwi kif ukoll għall-ekonomija u għalhekk għandhom ikunu sfruttati bis-sħiħ; ***ifakkar, f'dan il-kuntest, li l-aspetti soċjali tal-mobilità għandhom dejjem jiġu kkunsidrati u li l-mobilità hija biss waħda mill-għodod possibbli biex jiġi miġġieled il-qgħad u m'għandhiex tkun l-aħħar għażla;*** | 5. Jenfasizza ***l-fatt li l-mobilità*** transkonfinali ***mhijiex is-soluzzjoni għal rata tal-qgħad għolja u jinsisti li l-baġit tal-UE għandu jappoġġja l-inizjattivi tal-Istati Membri għat-tkabbir fl-impjiegi, b'mod partikolari dawk li jagħtu spinta lill-investiment u l-promozzjoni tal-ħolqien tal-impjiegi f'reġjuni b'rata tal-qgħad għolja***; ***jenfasizza r-rwol tat-tagħlim u t-taħriġ tul il-ħajja*** biex l-Ewropa tkun tista' tieħu vantaġġ mill-varjetà ta' ħiliet tal-persuni filwaqt li tespandi l-opportunitajiet ta' taħriġ u ta' impjieg għall-ġenerazzjonijiet kollha; iqis li programmi ta' suċċess bħal Erasmus+ jaħdmu sabiex ikunu ta' benefiċċju kemm għall-individwi kif ukoll għall-ekonomija u għalhekk għandhom ikunu sfruttati bis-sħiħ; |

Or. en

**Emenda 16**
**João Ferreira, Miguel Viegas, Inês Cristina Zuber, Rina Ronja Kari, Marisa Matias, Martina Michels, Younous Omarjee, Curzio Maltese, Dimitrios Papadimoulis, Kostadinka Kuneva, Stelios Kouloglou, Sofia Sakorafa, Kostas Chrysogonos, Malin Björk, Fabio De Masi, Paloma López Bermejo, Lidia Senra Rodríguez, Pablo Echenique, Tania González Peñas, Lola Sánchez Caldentey, Dennis de Jong, Pablo Iglesias, Takis Hadjigeorgiou, Neoklis Sylikiotis, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0027/2015**
**José Manuel Fernandes**
Linji gwida għall-baġit 2016 – Taqsima III
2015/2008(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jenfasizza l-fatt li l-politika ta' awsterità fl-UE ħolqot pressjoni 'l isfel fil-pagi reali fl-Istati Membri u li din se ttawwal il-kriżi ekonomika u soċjali; jemmen li l-baġit għandu jintuża biex jissaħħu l-isforzi sabiex jiżdiedu l-pagi reali u jiġi miġġieled id-dumping soċjali fl-Istati Membri;*** |

Or. en

**Emenda 17**

**Dennis de Jong, Rina Ronja Kari, Liadh Ní Riada, Malin Björk, Fabio De Masi, João Ferreira, Miguel Viegas, Inês Cristina Zuber, Pablo Echenique, Tania González Peñas, Lola Sánchez Caldentey, Pablo Iglesias, Marisa Matias, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0027/2015**
**José Manuel Fernandes**
Linji gwida għall-baġit 2016 – Taqsima III
2015/2008(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jemmen li l-fatt li l-Kummissjoni għandha tassumi setgħat dejjem akbar biex tikkontrolla l-baġits nazzjonali mhuwa demokratiku xejn;*** |

Or. en

**Emenda 18**
**Dennis de Jong, Rina Ronja Kari, Martina Michels, Liadh Ní Riada, Malin Björk, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0027/2015**
**José Manuel Fernandes**
Linji gwida għall-baġit 2016 – Taqsima III
2015/2008(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6b. Jemmen li implimentazzjoni aħjar tal-baġit tal-UE tillibera riżorsi sinifikanti; jinnota li l-QEA tirrimarka li, b'mod partikolari, is-sistemi ta' kontroll tal-awditjar tal-Istati Membri qed jiffunzjonaw b'mod parzjali biss; jemmen li n-nuqqas ta' sistemi ta' kontroll effikaċi u effiċjenti fil-livell tal-Istati Membri għandu effett ħażin fuq il-baġit tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 19**
**Miguel Viegas, João Ferreira, Inês Cristina Zuber, Paloma López Bermejo, Lidia Senra Rodríguez, Dennis de Jong, Takis Hadjigeorgiou, Neoklis Sylikiotis, Rina Ronja Kari**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0027/2015**
**José Manuel Fernandes**
Linji gwida għall-baġit 2016 – Taqsima III
2015/2008(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***8. Jilqa' bħala l-ewwel pass il-Pjan ta' Investiment ippreżentat mill-Kummissjoni, li jista' joħloq il-potenzjal li jimmobilizza EUR 315 biljun ta' investiment fl-infrastruttura, fl-edukazzjoni u r-riċerka, kif ukoll SMEs u kumpaniji ta' kapitalizzazzjoni medja, sabiex ikun ikkumpensat l-iżbilanċ fl-investiment pubbliku u privat iġġenerat mill-kriżi ekonomika u finanzjarja; jinnota li l-baġit tal-UE huwa mistenni li jipprovdi l-bażi ta' dan il-pjan ta' investiment billi jagħmel disponibbli t-EUR 8 biljun meħtieġa f'impenji u f'pagamenti għall-provvizjonament tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (EFSI); iqis li l-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE għandha tirriżulta fi qligħ sinifikanti permezz ta' effett ta' ingranaġġ akbar; jikkonferma d-disponibilità tiegħu li jeżamina bl-akbar viġilanza l-mod kif l-impenji finanzjarji tal-UE lejn il-BEI għat-twaqqif tal-EFSI huma mdaħħla fil-baġit tal-UE;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 20**
**Liadh Ní Riada, Fabio De Masi, Marisa Matias, Martina Michels, Curzio Maltese, Paloma López Bermejo, Pablo Echenique, Tania González Peñas, Lola Sánchez Caldentey, Lidia Senra Rodríguez, Pablo Iglesias, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0027/2015**
**José Manuel Fernandes**
Linji gwida għall-baġit 2016 – Taqsima III
2015/2008(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

8. ***Jilqa' bħala l-ewwel pass il-Pjan*** ta' Investiment ippreżentat mill-Kummissjoni***, li jista' joħloq il-potenzjal li jimmobilizza EUR 315 biljun*** ta' investiment ***fl-infrastruttura, fl-edukazzjoni u r-riċerka, kif ukoll SMEs u kumpaniji ta' kapitalizzazzjoni medja, sabiex ikun ikkumpensat*** l-iżbilanċ fl-investiment pubbliku u privat ***iġġenerat mill-kriżi ekonomika u*** finanzjarja; jinnota li l-baġit tal-UE huwa mistenni li jipprovdi l-bażi ta' dan il-pjan ta' investiment billi jagħmel disponibbli t-EUR 8 biljun meħtieġa f'impenji u f'pagamenti għall-provviżjonament tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (EFSI); ***iqis li l-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE għandha tirriżulta fi qligħ sinifikanti permezz ta' effett ta' ingranaġġ akbar; jikkonferma d-disponibilità tiegħu li jeżamina bl-akbar viġilanza l-mod kif l-impenji finanzjarji tal-UE lejn il-BEI għat-twaqqif tal-EFSI huma mdaħħla fil-baġit tal-UE;***

*Emenda*

8. ***Jieħu nota tal-Pjan*** ta' Investiment ippreżentat mill-Kummissjoni ***bħala l-ewwel pass lejn il-fatt li n-nuqqas*** ta' investiment ***fl-UE jiġi rikonoxxut bħala problema***; ***jiddispjaċih li l-ammont attwali tal-fondi pubbliċi, il-maġġor parti fil-forma ta' garanziji pubbliċi, huwa baxx wisq biex jipprovdi l-istimulu attwali għall-ekonomija Ewropea u jegħleb*** l-iżbilanċ fl-investiment pubbliku u privat ***ikkawżat mill-politiki ta' awsterità implimentati wara l-kriżi*** finanzjarja; ***jinnota li saħansitra l-volum totali fil-mira ta' EUR 315-il biljun ta' investiment fi żmien tliet snin jirrappreżenta impuls ta' inqas minn 1 % tal-PDG annwali tal-UE; ifakkar li l-garanzija tal-baġit tal-UE tirrappreżenta inqas minn 1 % tal-baġit tal-UE fil-ħames snin li ġejjin, filwaqt li l-baġit tal-UE stess jibqa' taħt il-1 % tal-PDG tal-UE;*** jinnota li l-baġit tal-UE huwa mistenni li jipprovdi l-bażi ta' dan il-pjan ta' investiment billi jagħmel disponibbli t-EUR 8 biljun meħtieġa f'impenji u f'pagamenti għall-provviżjonament tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (EFSI); ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jiżguraw sorsi alternattivi għal dawk l-impenji mingħajr***


Magħquda fid-diversità

***tnaqqis tar-riżorsi disponibbli għall-Orizzont 2020 u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, b'mod partikolari l-azzjonijiet Marie Curie, EIT, JRP u Kiks;***

Or. en

6.3.2015 A8-0027/21

**Emenda 21**
**Miguel Viegas, João Ferreira, Inês Cristina Zuber, Fabio De Masi, Liadh Ní Riada, Marisa Matias, Curzio Maltese, Paloma López Bermejo, Pablo Echenique, Tania González Peñas, Lola Sánchez Caldentey, Pablo Iglesias, Luke Ming Flanagan, Kostas Chrysogonos, Stelios Kouloglou, Kostadinka Kuneva, Dimitrios Papadimoulis, Sofia Sakorafa**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0027/2015**
**José Manuel Fernandes**
Linji gwida għall-baġit 2016 – Taqsima III
2015/2008(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jenfasizza l-ħtieġa għal strateġija tal-investiment Ewropea koerenti fil-forma ta' "programm tal-investiment tal-UE għall-iżvilupp sostenibbli u l-impjiegi" ta' mill-inqas 2 % tal-PDG annwali tal-UE fuq għaxar snin, li għandu jikkomplimenta l-isforzi għall-investiment pubbliku simili tal-Istati Membri; jinnota li dan il-programm tal-investiment jiffinanzja lilu nnifsu b'mod parzjali permezz ta' tkabbir tal-PDG u dħul fiskali ogħla; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jinkludu mezzi finanzjarji addizzjonali meħtieġa fil-proposta tagħhom għall-baġit 2016;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 22**
**Liadh Ní Riada, Fabio De Masi, Marisa Matias, Martina Michels, Curzio Maltese, Dimitrios Papadimoulis, Kostadinka Kuneva, Stelios Kouloglou, Sofia Sakorafa, Kostas Chrysogonos, Paloma López Bermejo, Pablo Echenique, Tania González Peñas, Lola Sánchez Caldentey, Pablo Iglesias, Takis Hadjigeorgiou, Neoklis Sylikiotis, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0027/2015**
**José Manuel Fernandes**
Linji gwida għall-baġit 2016 – Taqsima III
2015/2008(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. ***Jenfasizza n-natura komplementari tal-Pjan ta' Investiment propost u l-baġit tal-UE kif ukoll l-impenn konġunt tagħhom biex jagħtu spinta lill-ekonomija u jistimolaw il-ħolqien tal-impjiegi;*** jenfasizza li l-baġit tal-UE huwa fih innifsu strument ta' investiment prinċipali bi rwol u missjoni ***distinti***, li jipproduċa riżultati tanġibbli b'valur miżjud Ewropew ċar; jinsab konvint li jeħtieġ jintuża kull sforz sabiex jinħolqu sinerġiji mhux biss bejn il-Pjan ta' Investiment u l-baġit tal-UE iżda wkoll ma' baġits nazzjonali, sabiex jitnaqqas id-distakk fl-investiment, tiġi żgurata l-konverġenza u l-istabilità fl-UE, u jiġi massimizzat l-effett tal-infiq pubbliku fuq l-ekonomija reali; jissottolinja, madankollu, l-importanza li jitneħħew l-ostakli eżistenti għall-investiment, b'mod partikolari rigward iċ-ċarezza u l-prevedibilità tal-qafas regolatorju; | 9. ***Jiddispjaċih ħafna li l-EFSI m'għandux pjan ta' investiment pubbliku reali għall-Ewropa; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żviluppat "programm tal-investiment tal-UE għall-iżvilupp sostenibbli u l-impjiegi" li jiggarantixxi l-ħolqien ta' impjiegi ġodda u jiżgura t-tranżizzjoni għal ekonomija sostenibbli; jappella għal appoġġ adegwat għall-SMEs, l-intrapriżi mikro u l-intrapriżi soċjali; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jsaħħu l-użu tal-bonds tal-BEI u l-istrumenti eżistenti bħall-Fondi Ewropej għall-Investiment bħala appoġġ għal strateġija ta' rkupru mmexxija mill-pubbliku;*** jenfasizza li l-baġit tal-UE huwa fih innifsu strument ta' investiment prinċipali bi rwol u missjoni ***partikolari***, li jipproduċa riżultati tanġibbli b'valur miżjud Ewropew ċar; jinsab konvint li jeħtieġ jintuża kull sforz sabiex ***ikun żgurat kontroll demokratiku u responsabilità tal-politiki tal-investiment tal-UE,*** jinħolqu sinerġiji mhux biss bejn ***dan*** il-Pjan ta' Investiment u l-baġit tal-UE iżda wkoll ma' baġits nazzjonali, sabiex jitnaqqas id-distakk fl-investiment, tiġi żgurata l-konverġenza u l-istabilità fl-UE, |

u jiġi massimizzat l-effett tal-infiq pubbliku fuq l-ekonomija reali***, tingħata prijorità lill-investiment biex jitnaqqas id-distakk bejn il-livelli differenti ta' żvilupp ekonomiku tar-reġjuni u l-Istati Membri fl-UE***; jissottolinja, madankollu, l-importanza li jitneħħew l-ostakli eżistenti għall-investiment, b'mod partikolari rigward iċ-ċarezza u l-prevedibilità tal-qafas regolatorju;

Or. en

**Emenda 23**
**Liadh Ní Riada, Pablo Echenique, Rina Ronja Kari, Martina Michels, Marisa Matias, Pablo Iglesias, Dimitrios Papadimoulis, Kostadinka Kuneva, Stelios Kouloglou, Sofia Sakorafa, Kostas Chrysogonos, Malin Björk, Fabio De Masi, Paloma López Bermejo, Tania González Peñas, Lola Sánchez Caldentey, Dennis de Jong, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0027/2015**
**José Manuel Fernandes**
Linji gwida għall-baġit 2016 – Taqsima III
2015/2008(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***10a. Jenfasissa l-fatt li bidla baġitarja lil hinn minn infiq fil-militar u fis-sigurtà u lejn politika barranija ċivili u favur l-iżvilupp hija meħtieġa sabiex tnaqqas l-infiq militari fit-tul; itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-fondi taħt l-Intestatura 4 għandhom ikunu impenjati għal politika barranija paċifika u ċivili li tiżgura li l-Unjoni Ewropea ssir attur mhux vjolenti fid-dinja; jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lir-rwol tal-Unjoni bħala medjatur li jfittex biss soluzzjonijiet ċivili u paċifiċi għall-kunflitti filwaqt li jiżgura li jinżammu l-impenji tal-Unjoni għall-qerda tal-faqar, l-iżvilupp sostenibbli, l-MDGs, il-kontroll tal-armi, ir-reġim tat-TNP u d-diżarm nukleari;*** |

Or. en

**Emenda 24**
**Miguel Viegas, Inês Cristina Zuber, João Ferreira, Marisa Matias, Liadh Ní Riada, Dimitrios Papadimoulis, Kostadinka Kuneva, Stelios Kouloglou, Sofia Sakorafa, Kostas Chrysogonos, Fabio De Masi, Paloma López Bermejo, Lidia Senra Rodríguez, Neoklis Sylikiotis, Takis Hadjigeorgiou, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0027/2015**
**José Manuel Fernandes**
Linji gwida għall-baġit 2016 – Taqsima III
2015/2008(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10b. Jiċħad kwalunkwe użu tal-baġit tal-Komunità għall-finanzjament ta' UE militarista u neoliberali; jiddefendi l-ħtieġa għal programm alternattiv li jappoġġja żvilupp sostenibbli, domanda interna msaħħa u ekoloġika bbażata fuq pagi progressivi, impjieg sħiħ flimkien ma' drittijiet, welfare soċjali, il-qerda tal-faqar u l-esklużjoni soċjali u l-koeżjoni soċjali u ekonomika mtejba;*** |

Or. en

**Emenda 25**
**Liadh Ní Riada, Pablo Echenique, Martina Michels, Marisa Matias, Pablo Iglesias, Dimitrios Papadimoulis, Kostadinka Kuneva, Stelios Kouloglou, Sofia Sakorafa, Kostas Chrysogonos, Malin Björk, Fabio De Masi, Paloma López Bermejo, Tania González Peñas, Lola Sánchez Caldentey, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0027/2015**
**José Manuel Fernandes**
Linji gwida għall-baġit 2016 – Taqsima III
2015/2008(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

11. Jinnota bi tħassib li l-Ewropa, minkejja li hija wieħed mill-iktar postijiet sikuri fid-dinja, qed tħabbat wiċċha ma' tipi ġodda ta' riskji għas-sigurtà interna tagħha li jeħtieġu ***li tkun żgurata kooperazzjoni u koordinament aktar mill-qrib tal-pulizija u dik ġudizzjarja, ikunu żviluppati*** miżuri għal integrazzjoni aħjar u koeżjoni soċjali miżjuda, u fl-istess ħin ***tippromwovi*** l-istabilità u l-paċi f'żoni ta' kunflitt; ***jenfasizza li sforz komuni biex jiġu trattati l-flussi migratorji jinsab f'salib it-toroq kemm tas-solidarjetà interna u kif ukoll ta' dik esterna; Ifakkar fl-appoġġ tiegħu għar-rinforz ta’ mezzi tal-UE u għall-iżvilupp ta’ kultura ta’ kondiviżjoni ġusta tal-piżijiet fost l-Istati Membri f’dak li għandu x’jaqsam mat-trattament tal-asil u l-migrazzjoni, sabiex jassigura fruntieri esterni sikuri u siguri b’rispett sħiħ lejn il-valuri fundamentali tal-UE, b’referenza partikolari għal azzjoni*** fil-Mediterran u fuq il-fruntiera tax-Xlokk tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi tisħiħ immirat tal-programmi u l-istrumenti rilevanti, biex b'hekk jintwera l-impenn tal-UE biex jiġu ttrattati ***t-theddidiet***;

*Emenda*

11. Jinnota bi tħassib li l-Ewropa, minkejja li hija wieħed mill-iktar postijiet sikuri fid-dinja, qed tħabbat wiċċha ma' tipi ġodda ta' riskji għas-sigurtà interna tagħha li jeħtieġu ***bidla fil-politiki attwali fil-forma ta'*** miżuri ***ta' żvilupp*** għal integrazzjoni aħjar u koeżjoni soċjali miżjuda, u fl-istess ħin ***jippromwovu*** l-istabilità u l-paċi f'żoni ta' kunflitt***, u jiżguraw kooperazzjoni ġudizzjarja aktar mill-qrib u koordinazzjoni msaħħa; ifakkar li t-tendenza attwali biex jiġu militarizzati l-kontroll fil-fruntieri hija għalja u mhijiex effikaċi filwaqt li tikser id-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt li persuna tfittex asil;*** jistieden lill-Kummissjoni tipproponi tisħiħ immirat tal-programmi u l-istrumenti rilevanti, biex b'hekk jintwera l-impenn tal-UE biex jiġu ttrattati ***dawn l-isfidi***;

Or. en

**Emenda 26**
**João Ferreira, Miguel Viegas, Inês Cristina Zuber, Sofia Sakorafa, Kostas Chrysogonos, Fabio De Masi, Paloma López Bermejo, Lidia Senra Rodríguez, Pablo Echenique, Tania González Peñas, Lola Sánchez Caldentey, Dennis de Jong, Pablo Iglesias, Neoklis Sylikiotis, Takis Hadjigeorgiou, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0027/2015**
**José Manuel Fernandes**
Linji gwida għall-baġit 2016 – Taqsima III
2015/2008(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15a. Jenfasizza li l-baġit tal-Komunità għandu jintuża b'tali mod li jagħti prijorità lil politiki ta' konverġenza reali, li jkunu bbażati fuq il-progress soċjali u s-salvagwardja u l-promozzjoni tal-potenzjal ta' kull pajjiż, fuq il-ħolqien tal-impjiegi, l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-ħarsien tal-ambjent, bl-għan ta' koeżjoni ekonomika u soċjali reali; Jiċħad it-"Trattat dwar l-Istabilità Fiskali", il-"Governanza Ekonomika" u l-Patt għall-Euro Plus, li huma bbażati fuq it-teħid ta' iktar miżuri ta' awsterità min-naħa kemm tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri, u li se jiddeterjoraw il-kriżijiet ekonomika u soċjali attwali, partikolarment fil-pajjiżi li jinsabu f'qagħda ekonomika u soċjali iktar diffiċli;*** |

Or. en

**Emenda 27**
**João Ferreira, Miguel Viegas, Inês Cristina Zuber, Curzio Maltese, Sofia Sakorafa, Kostas Chrysogonos, Fabio De Masi, Paloma López Bermejo, Lidia Senra Rodríguez, Pablo Echenique, Tania González Peñas, Lola Sánchez Caldentey, Dennis de Jong, Pablo Iglesias, Neoklis Sylikiotis, Takis Hadjigeorgiou, Luke Ming Flanagan, Marisa Matias**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0027/2015**
**José Manuel Fernandes**
Linji gwida għall-baġit 2016 – Taqsima III
2015/2008(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jikkunsidra li hemm bżonn ta' waqfa mill-politiki attwali tal-UE jekk il-problemi ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli, il-qgħad, il-faqar, l-esklużjoni soċjali u l-inugwaljanzi (fid-dħul) iridu jiġu indirizzati b'mod ġenwin; jenfasizza li tinħtieġ strateġija ġdida sabiex twaqqaf triq ġdida għall-Ewropa, triq ta' impjieg sħiħ, xogħlijiet diċenti, pagi li jippermettu livell ta' għajxien diċenti, koeżjoni soċjali u ekonomika u ħarsien soċjali għal kulħadd, li tiggarantixxi l-ogħla standards ta' għajxien u triq li tqis il-ħtiġijiet għall-iżvilupp ta' kull Stat Membru, partikolarment l-inqas żviluppati, li tippromwovi konverġenza reali billi tgħin tnaqqas id-distakk fl-iżvilupp bejn l-Istati Membri u d-disparitajiet eżistenti ekonomiċi, soċjali u reġjonali;*** |

Or. en

**Emenda 28**
**João Ferreira, Miguel Viegas, Inês Cristina Zuber, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0027/2015**
**José Manuel Fernandes**
Linji gwida għall-baġit 2016 – Taqsima III
2015/2008(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16b. Huwa favur il-ħolqien ta' programm ta' appoġġ għal pajjiżi li s-sħubija kontinwa tagħhom fl-euro wriet li ma kinitx sostenibbli u li jipprovdi kumpens xieraq għad-dannu li ġej minn ħruġ negozjat mill-euro;*** |

Or. en

**Emenda 29**
**João Ferreira, Miguel Viegas, Inês Cristina Zuber, Liadh Ní Riada, Paloma López Bermejo**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0027/2015**
**José Manuel Fernandes**
Linji gwida għall-baġit 2016 – Taqsima III
2015/2008(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16c. Jappella għat-twaqqif ta' pjanijiet ta' emerġenza sabiex jappoġġjaw l-ekonomiji ta' pajjiżi fejn kien hemm l-intervent tat-Trojka, li jipprovdu riżorsi finanzjarji u li jagħmlu tajjeb għall-eċċezzjonijiet meħtieġa għall-funzjonament tas-suq uniku u l-politiki komuni;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 30**
**João Ferreira, Miguel Viegas, Inês Cristina Zuber, Martina Michels, Marisa Matias, Liadh Ní Riada, Younous Omarjee, Dimitrios Papadimoulis, Kostadinka Kuneva, Stelios Kouloglou, Sofia Sakorafa, Kostas Chrysogonos, Malin Björk, Fabio De Masi, Pablo Echenique, Tania González Peñas, Lola Sánchez Caldentey, Pablo Iglesias, Curzio Maltese, Paloma López Bermejo, Neoklis Sylikiotis, Takis Hadjigeorgiou, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0027/2015**
**José Manuel Fernandes**
Linji gwida għall-baġit 2016 – Taqsima III
2015/2008(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***16d. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità reali lill-ġlieda kontra l-faqar billi tressaq azzjonijiet speċifiċi dwar it-tnaqqis fil-faqar u modi kif il-baġit tal-UE jista' jikkumplimenta miżuri fil-livell tal-Istati Membri, flimkien mal-miljuni ta' euros allokati biex tkun ippubbliċizzata l-politika;*** |

Or. en

**Emenda 31**
**João Ferreira, Miguel Viegas, Inês Cristina Zuber, Martina Michels, Marisa Matias, Dimitrios Papadimoulis, Kostadinka Kuneva, Stelios Kouloglou, Fabio De Masi, Lidia Senra Rodríguez, Pablo Echenique, Tania González Peñas, Luke Ming Flanagan, Curzio Maltese, Paloma López Bermejo, Lola Sánchez Caldentey, Pablo Iglesias, Neoklis Sylikiotis, Takis Hadjigeorgiou, Kostas Chrysogonos, Sofia Sakorafa**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0027/2015**
**José Manuel Fernandes**
Linji gwida għall-baġit 2016 – Taqsima III
2015/2008(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17a. Jitlob li l-Istrateġija Ewropa 2020 attwali tiġi sostitwita bi "Strateġija Ewropea għas-Solidarjetà u l-Iżvilupp Sostenibbli", ibbażata fuq sett ġdid ta' politiki ekonomiċi, soċjali u ambjentali li jħeġġu l-investiment fl-oqsma stabbiliti hawn taħt:*** |
| | ***(i) il-kwalità tax-xogħol fl-aspetti kollha tiegħu (il-pagi, l-istabilità, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u t-taħriġ) u l-kwalifiki mtejba, sabiex tinkiseb forza tax-xogħol imħarrġa sew u b'ħafna ħiliet,*** |
| | ***(ii) infrastruttura bażika u li tappoġġja l-industrija,*** |
| | ***(iii) servizzi pubbliċi, sabiex titjieb il-kwalità tagħhom,*** |
| | ***(iv) politika ta' koeżjoni b'saħħitha, sabiex tippromwovi l-koeżjoni soċjali u ekonomika,*** |
| | ***(v) il-ħarsien tal-ambjent u r-riżorsi naturali,*** |
| | ***(vi) it-titjib tal-istandards tax-xogħol, soċjali, ambjentali u ta' sikurezza, sabiex ikun hemm armonizzazzjoni li tilħaq l-*** |

***ogħla standards,***

***(vii) l-ekonomija soċjali,***

***(viii) il-protezzjoni soċjali, sabiex jinqered il-faqar u tiġi miġġielda l-esklużjoni soċjali,***

***(ix) riċerka u innovazzjoni (pubblika), sabiex jiġu garantiti l-benefiċċji għal kulħadd,***

***(x) il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni kulturali u ċivili,***

***(xi) "dematerjalizzazzjoni" gradwali tal-ekonomija;***

Or. en